MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 470/2010

**Vodafone Malta Limited
(C – 10865)**

**vs**

**Richard Attard
(I.D. 325284M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u tlett ewro u hamsa u tmenin centezmi (€403.85), rapprezentanti prezz ghal servizzi ta’ telefonija cellulari rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenut in konnessjoni ma’ *mobile phone* bin-numru 79000988.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestruipprezentat kontestwalment u tal-mandat ta’ qbid numerat 1317/09, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra il-konvenut illi gie ngunt in subizzjoni

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erba’ mija u tlett ewro u hamsa u tmenin centezmi (€403.85), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------